

*Kitba ta' Patri Francesco Marino O.P., maqluba għall-Malti minn Nikola Aquilina*

# Il-Purċissjoni Storika ta' San Nikola

## Għaliex issir ċelebrazzjoni reliġjuża u oħra profana kull sena



Id-9 ta' Mejju 1087 kien il-jum meta 73 baħħar mill-belt ta' Bari u l-provinċja – li 62 minnhom kienu ġew ippremjati mill-Abbati Elia – għamluha possibbli li tinħoloq festa li kellha tagħti 'l-belt ta' Bari identità preċiża fl-istorja. Nistgħu ngħidu wkoll li l-festa kellha l-approvazzjoni ta' kulħadd; kienet festa li ma qatgħet qatt u li għadha sal-lum tgħaqqad il-poplu ta' Bari wara l-patrun tiegħu San Nikola.



It-translazzjoni tar-relikwa tal-qaddis ta' Mira fin-natura tagħha hija okkażjoni storika li tfakkar meta l-baħħara ta' Bari ġabu minn Mira bis-serqa fil-ħemda tal-lejl l-għadam tal-qaddis Nikola. Dan il-każ kien qajjem mill-ġdid il-ħeġġa tal-belt ta' Bari biex terġa' tieħu r-ruħ wara li kienet waqgħet taħt il-ħakma tan-Normanni. Bil-miġja tan-Normanni Bari tilfet id-dritt li tkun ir-residenza tal-*Catepano* u b'hekk ma baqgħetx meqjusa bħala l-kapitali Taljana Biżantina.

Wara li għaddew kważi elf sena minn dik il-ġrajja storika, il-mod kif issir it-translazzjoni biddel ħafna l-identità tal-belt ta' Bari. Inbidlu wkoll ġenerazzjoni wara oħra ta' fidili, meta bdew iżuru wkoll il-belt eluf ta' pellegrini li jagħrfu lil San Nikola bħala l-qaddis li ġie minn fuq l-ibħra u li kellu ħafna mix-xebh u n-nisġa tal-istorja u ċ-ċiviltà tal-pajjiżi Mediterranji fejn huma kienu jgħixu. G. Galante, fil-kitba tiegħu 'Il Corteo Storico di San Nicola a Bari', jgħid li t-translazzjoni kienet ġrajja reliġjuża li fiha nfisha kienet manifestazzjoni spettakolari fejn il-fidi, l-istorja u l-arti kienu jingħaqdu flimkien b'ċerta armonija li qatt ma naqset matul iż-żmien.

Din id-drawwa kellha l-ħila tgħaqqad popli ta' reliġjonijiet diversi. Kienet tgħaqqadhom l-imħabba tagħhom lejn ix-xbieha qaddisa ta' San Nikola. Prova ta' dan huwa l-fatt li bejn is-snin 1700 u 1800 w.K. kienet saret il-qasma bejn il-korteo lajk u l-purċissjoni reliġjuża. Fl-1901, skont ma jikteb Galante ('Le feste in onore di San Nicola, 7-8-9 maggio 1901'), it-translazzjoni ġiet ippreżentata bil-mod ta' kif ġrat skont l-istoriċi billi saret distinzjoni ċara bejn l-aspett lajk u dak reliġjuż. Il-manifestazzjoni tas-solennità ta' dak l-episodju storiku baqgħet titqies bħala kult jew drawwa straordinarja li ma xxejnitx maż-żmien għax baqgħet tiġi indukrata sew.

Din kienet ir-raġuni tal-qasma bejn il-profan u r-reliġjuż. Tal-ewwel ħa l-isem ta' 'Corteo Storico' u fih kien jinkludi mużika u lbies, u dan kabbar il-popolarità ta' Bari. Dan isir bi ħsieb spiritwali: biex iwassal il-wirt spiritwali tal-qaddis Nikola lil kull min jattendi għal din il-manifestazzjoni. Il-poplu ta' Bari jaqsam dan il-patrimonju spiritwali ma' popli oħra li jattendu għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, flimkien ma' oħrajn li jsegwu l-mezzi tax-xandir, kemm dak viżiv kif ukoll l-istazzjonijiet tar-radju. Ma ninsewx li l-fdalijiet tal-qaddis Nikola għamlu lil Bari l-Belt tal-Ekumeniżmu u saret il-belt-pont bejn il-Lvant u l-Punent, u l-qaddis Nikola qed jinżamm bħala l-mudell ta' għaqda spiritwali u ta' identità fil-knejjes Insara li mingħajrhom l-Ewropa ma kinitx tkun kif nafuha llum.

### L-Edizzjoni tal-2010

Il-korteo storiku tas-sena 2010 tmexxa taħt id-direzzjoni ta' Antonio Minelli bil-kollaborazzjoni tal-Kumpanija delle Vigne. Il-korteo kien milqugħ tajjeb minn mhux inqas minn 100,000 ruħ, fosthom 30,000 pellegrin mill-Abruzzo u Napli, barra xi 5000 Russu. Il-korteo kien



jikkonsisti f'siltiet mill-ħajja tal-qaddis Nikola. Ħadu sehem madwar 570 persuna li wrew xeni mill-ħajja tal-qaddis, kif ukoll mużiċisti, żbandjeraturi, żeffiena u artisti. Dawn ippreżentaw 35 xena minn ħajjet San Nikola, fosthom ix-xena tal-missier u t-tliet xebbiet li kellu għaż-żwieġ; il-miraklu tal-qamħ li ttieħed minn fuq il-bastimenti ta' Lixandra u li, wara l-intervent ta' San Nikola, ġie offrut lin-nies imġewħa ta' Mira iżda l-bastimenti spiċċaw lura Lixandra bla ma l-qamħ naqas minn fuqhom (ara paġna 20); u mirakli oħra attribwiti lill-qaddis.

F'dan il-korteo kienu preżenti l-iżbandjeraturi ta' Carovigno, it-timpanisti ta' 'Nicolaus Barium', u l-'Musici Lausveris' ta' Assisi. Il-karrijiet din is-sena għaddew iżjed bil-ħeffa mis-soltu, wara li kien hemm xi lmenti s-sena ta' qabel. Din l-edizzjoni tal-manifestazzjoni wriet li kienet organizzata tajjeb ħafna fit-tqassim ta' kif imxiet matul it-triq fejn in-narratur instema' sew jikkummenta matulha kollha. Nies lebsin ta' kavallieri kienu preżenti siegħa qabel il-manifestazzjoni u mat-triq tqassmu 60,000 librett dwar din l-okkażjoni. Fost il-persunaġġi ġodda din is-sena kien hemm 'Il-Persunaġġ Anonimu Russu', wieħed minn tal-ewwel li, flimkien ma' oħrajn, huma s-sorsi uffiċjali tal-ġrajja storika tat-translazzjoni tal-qaddis minn Mira għal Bari. Ix-xena tal-wasla tal-baħħara fil-port ta' Bari bil-għadam tal-qaddis ingħatat importanza speċjali minn Minelli, id-direttur tal-manifestazzjoni.

Bħala riżultat tal-edizzjoni tal-Korteo Storiku 2010 deher ċar il-ħsieb li għall-futur isiru żewġ proġetti importanti: il-produzzjoni ta' film li jirrakkonta l-ġrajja storika tat-translazzjoni, bl-iskop li jersqu lejn il-verità ta' x'ġara eżattament u kif intlaqa' l-bastiment bil-għadam tal-qaddis f'Bari; it-tieni proġett hu l-ħsieb li din il-festa tat-translazzjoni tar-relikwa tiġi organizzata fir-Russja, sabiex San Nikola, l-Isqof ta' Mira, jibqa' jkun magħruf mad-dinja kollha bħala 'l-Istilla li tixgħel fil-Lvant u l-Punent', kif insibuh miktub u kantat fil-liturġija Ortodossa.

# Lil Pawlu Aquilina

## Poeta tal-Ġonna

Rajtek, ħabib, tiġġerra qalb il-ġonna,
mal-medda ċkejkna terda' mill-ħlewwiet
Tal-vjoli, il-ġilju, il-warda tal-Madonna,
żagħżugħ daħkani, tgħix fil-wens tas-skiet.

Waqaft tistrieħ hemm waħdek filgħaxija,
Il-bogħ'd min-nies taħt siġra tal-prinjol,
Iddomm f'ħolma tal-ġenna poeżija,
Suritha xebh il-għanja t'użinjol.

Saħħarni kliemek meta bdejt ittenni
Vers wara l-ieħor l-għanja ta' rebbieħ,
Xtaqt nibqa' sejjer miegħek f'xi għar kenni,
U nwaħħdu ħsiebna f'dak li ngħixu bih.

Ikteb bla tieqaf, xerrdu kullimkien,
Għax l-għana tiegħek qatt ma jtemmu ż-żmien.

*Nikola Aquilina (Qrendi – 07.08.1962)*